# MQABBA LOCAL COUNCIL

**29, PARISH STREET, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sittin (60) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar is-26 ta' Ottubru, 2010 fis-6:50pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-laqgħa bdiet aktar tard milli mħabbar fl-agenda minħabba li aktar kmieni l-KLM kellu laqgħa ma' żewġ rappreżentanti tas-**saħħa mentali**, Ms Frida Mangion u Ms Charlene Conti (mill-Kirkop Health Services).

2. Infetħu l-**kwotazzjonijiet** li l-KLM ġab l-avviż għalihom fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-*Malta Independent* biex kull min kien interessat jikkwota għal provista ta' **bankijiet** (*park benches*), xogħol ta' ***patterned concrete*** fit-toroq kif ukoll għal servizzi ta' ***accountant***. Dan sabiex, jinbidlu l-bankijiet spiċċuti fi Ġnien Tfal tal-Ġibjun taħt skema ta' proġetti speċjali maħruġa mill-Gvern, biex il-Kunsill ikun jista' jirkupra fondi addizzjonali skond kif indikat f'memo aktar kmieni din is-sena, jkun jista' jiksi Triq il-Fjuri bil-*patterned concrete* kif ukoll jingaġġa *accountant* biex jassisti fil-ħidma tal-KLM. Kien deċiż illi l-kwotazzjoni tal-bankijiet bil-*bidders* ikunu Anton Zarb u *SR Services*, tkun mibgħuta b'e-mail lill-kunsillieri minħabba l-għażla kbira ta' prodotti li ssottomettew dawn il-kumpaniji.

3. Il-laqgħa kienet **ippreseduta mis-Sindku** li qal it-talba.

4. Il-**minuti** kienu pprovduti minn qabel permezz ta' e-mail mis-SE lill-kunsillieri u dawn ġew meħuda bħala moqrija. Sarulhom il-korrezzjonijiet li kienu indikati mill-kunsillieri, dawn kienu approvati u ffirmati.

5. Bħala punti mill-minuti, filwaqt li ssemmiet **Triq San Mikiel,** illi preżentement qed tiġi iċċangata bil-*paving blocks*, is-SE qal li peress li ftit siegħat qabel ma bdiet is-seduta hu kien irċieva *e-mail* mis-Sindku biex jikteb ħalli din tiġi *pedestrianised*, ta' min iqajjem is-suġġett għall-attenzjoni tal-kunsillieri. Is-sindku qal li peress li hemm min jgħaddi bil-vetturi tiegħu minn din it-triq, huwa tal-parir illi din tingħalaq fiżikament u tkun tista' tinfetaħ biss billi titneħħa l-*bollard* f'każ ta' emerġenza. Is-SE qal li tajjeb illi jkun hawn qbil fil-KLM u mhux ċert jekk *Transport Malta* jeseġux illi ssir laqgħa għar-residenti kollha li jgħixu hemm. Dan għaliex jeżisti ukoll *garage* li minkejja li mill-informazzjoni li għandu mhux qed jintuża għal dan l-iskop, aktar 'il quddiem f'dan is-sit jista' jinbidlu l-idejn u ovvjament is-sidien il-ġodda jkunu jridu jużawh bħala *garage*. Għaldaqstant, filwaqt illi kien rappurtat li bħal issa x-xogħol għaddej ġmielu mill-

ħaddiema tal-Gvern (tar-Robba) u hemm biċċa minn din it-triq lesta, kien deċiż illi niktbu lil *Transport Malta* sabiex din tingħalaq għat-traffiku.

6. Sadanittant, il-kuntrattur tal-KLM, **Asfaltar Ltd,** beda x-xogħlijiet fuq il-*main* tal-ilma ta' Triq iċ-Ċavi. Filwaqt li kien deċiż li jkunu rilaxxati €20,000 oħra favur dan il-kuntrattur, hu mistenni li jkun iffirmat l-istess kuntratt magħmul mill-avukat ta' din il-kumpanija li jittratta dwar pagamenti lill-istess kuntrattur. Is-Sindku qal li aktar 'l isfel, jiġifieri fis-*service road* fi Triq Sta Marija bejn Triq il-Kileb u Triq Dun Giacomo Tortella, se ssir estenzjoni tad-drenaġġ qabel ma jinbeda' x-xogħol tal-kisi bit-tarmak.

7. Għall-**ħsarat fi Triq tas-Sejba**, preċiżament fejn ir-razzett ta' Wenzu l-Bully, is-Sindku qal illi għandu informazzjoni li *Transport Malta* se jaqtgħu faxxa tarmak sħiħa u wara li jerġgħu jagħtuha *cement stabilization*, din terġa' tkun issiġillata mill-ġdid ħalli jidħol l-inqas ilma (tax-xita) possibbli u b'hekk inkunu qed nieħdu ħsieb it-triq. Is-Sindku qal li sfortuntament, il-Koptasin ma jistgħux iċaqilqu l-*barrier* tal-ħadid li għadha kemm twaħħlet faċċata tas-*sub station* għaliex inkella jkunu qed joħolqu periklu ikbar minn dak illi diġa' jeżisti bħal issa. Din il-barikata qed timblokka bankina minkejja li tipproteġi lil dawk kollha li jkunu fuqha. Fl-istess post, Paul Spiteri talab id-dokumentazzjoni kollha mill-ADT fejn dawn kienu irrifjutaw illi titwaħħal *sleeping policeman* f'dan is-sit. Dan sar bl-intenzjoni illi titqajjem kuxjenza fil-ġurnali lokali dwar il-periklu li qed ikun hemm kontinwament minħabba vetturi għaddejjin bi *speed* eċċessiv. Ir-risposta li kienu tawna aktarx kienet saret mill-ADT fil-bidu ta' din is-sena.

8. Dwar il-**korsijiet tal-*computer***, s'issa għad m'għandna l-ebda risposta dwar liema *connection* għandha tiġi mgħoddija fl-Isptar il-Qadim biex tkun adekwata għall-applikanti bl-intenzjoni li jpoġġu għall-kors tal-computer. Għaldaqstant, is-SE se jerġa' jagħmel kuntatt mal-għalliem biex finalment ikollna l-internet f'dan is-sit.

9. Kienu diskussi l-attivitajiet ta' **Jum l-Imqabba 2010**. Issemma' illi fis-serata pubblika kien ta' diżappunt illi Guzeppi Ghigo ma attendiex, pero' is-SE qal illi il-bieraħ ġie għat-*token* u dan qallu illi minħabba saħħtu, ma setgħax joqgħod barra tard fil-maltemp. Kien hemm min osserva xi persuni li daħlu tard u baqgħu fuq wara fosthom il-Kappillan kif ukoll il-koppja Debattista. Intant, is-Sindku tkellem fuq l-assenza ta' Mersia Mackay, kemm fl-Assemblea Lokali, fis-Serata kif ukoll fil-Quddiesa. Hu qal li waqt *staff meeting* li sejjaħ dal-għodu hu qalilha li ma setgħetx ma tiġix għal dawn l-attivitajiet, meta l-istess SE kien marid u attenda għalihom kollha. Filwaqt li fakkar sabiex il-kunsillieri jibgħatu l-artikli tagħhom għall-fuljett tal-ħarġa ta' Diċembru, 2010, mingħajr dewmien – xi ħaġa li ħarġet ukoll mill-*istaff meeting*, kien hemm aktar kummenti dwar is-serata mill-kunsillieri. Infatti, intqal illi l-mużika mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju kienet magħżula tajjeb ħafna. Kien hemm diskussjoni dwar il-kelmiet RSVP fuq l-inviti u dwar il-*public relations* li għamlet is-soċjeta'. Il-kunsillieri qablu li f'okkazjonijiet bħal dawn għandu jkun hemm ċeremonier biex jara li kollox miexi sew.

10. Issemmiet il-proposta li kienet saret fil-laqgħa preċedenti fejn fil-21 ta' Novembru, 2010 se ssir mixja matul ***Heritage Trail*** għall-pubbliku li fiha se jkunu qed jintalbu €5 minn kull parteċipant sabiex jinġabru għall-*Community Chest Fund*. Dwar il-pubbliċita' għal din l-attivita' se nħejju *poster* u avviż biex jiġi mxandar fil-Quddies ta' tmiem il-ġimgħa fil-Parroċċa.

11. Għall-viżita li għamlu madwar tmenin viżitatur miġjuba fostna mill-grupp bl-isem ***Discovering Southourn Villages***, nhar il-Ħadd, 17 ta' Ottubru, kienu indirizzati mis-SE fl-Isptar il-Qadim fejn dan fiehmhom għal x'hiex kien qed jintuża fil-passat kif ukoll l-andament tax-xogħlijiet ta' restawr li sar f'dan is-sit u l-użu tiegħu illum. L-istess grupp nhar l-Erbgħa 3 ta' Novembru, 2010 (peress li bi żvista s-Sindku kien issuġġerixxa biex jagħmluh llum waqt din is-seduta tal-KLM) se jorganizzaw *Workshop* fl-Isptar il-Qadim bl-iskop li dawn l-irħula tan-nofs-in-nhar ta' Malta, jieħdu l-ħajja b'aktar turiżmu, u anke joqgħodu fihom.

12. Għal-**laqgħa tas-Sindki**, organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li nżammet nhar il-Ġimgħa u s-Sibt, 22 u 23 ta' Ottubru, 2010, is-Sindku qal li kienu diskussi l-Ombudsman, kien hemm laqgħa dwar il-proposti tal-attivitajiet kulturali li qed ikunu organizzata mill-Kunsilli Lokali, cioe' dwar l-applikazzjonijiet biex jieħdu fondi mill-Gvern Ċentrali, liema applikazzjoni tal-2011 tal-KLM trid tiġi reveduta (jekk għandna xi poster, irridu ngħadduhulhom mill-ewwel), u laqgħa mal-MEPA. Is-Sindku qal illi kien hemm diskussjoni dwar applikazzjonijet tal-*landscaping* jekk dawn għandhomx ikunu kalkulati bil-metraġġ jew le. Imbgħad kien hemm laqgħa wkoll ma ditta privata bl-isem *Philips* sabiex il-Kunsilli jinvestu dejjem aktar fi dwal li jaħlu anqas (*economy savers*), liema kumpanija tispeċjalizza fihom.

13. Is-Sindku fakkar fil-**laqgħa plenarja** tal-kunsillieri li se tkun organizzata wkoll mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar l-20 ta' Novembru, 2010 fil-lukanda Corinthia Attard. Hu rrimarka għall-*fees* straordinarji li qed niġu mitluba għal dawn il-laqgħat minkejja li jkun hemm numru kbir ta' parteċipanti u wieħed ikun jista' bi grupp kbir iġib prezzijiet aħjar.

14. Għall-applikazzjoni tas-Soċjeta' Mużikali Sta Marija, biex din is-sena jerġa' jsir il-**Presepju Ħaj fl-Isptar il-Qadim**, is-SE qara diversi minuti ta' laqgħat li nżammu xhur ilu dwar id-deċiżjonijiet u l-fehmiet tal-kunsillieri f'dan ir-rigward kif fil-fatt kien mitlub jagħmel. Madankollu fil-KLM m'hemmx qbil li l-Isptar il-Qadim jintuża għal Presepju Ħaj b'riferenza għal talbiet oħra simili li wkoll ġew rifjutati sa mill-2008, kif ukoll bdil tar-regolamenti.

15. Ġaladarba issemmiet din l-**attivita' marbuta mal-Milied**, il-KLM ħass illi għandu jħejji wkoll għall-attivitjiet li se jkunu organizzati minnu fl-istess jiem. Intqal li s-sena l-oħra ma sarx il-***party* tat-tfal** minħabba s-*swine flue* filwaqt li morna aħna dar dar inqassmu l-istess rigali liċ-ċkejknin. Din is-sena dan se jsir, u għaldaqstant se nagħmlu talba lill-Iskola Primarja Mqabba u Kulleġġ San

Benedittu sabiex nippruvaw nużaw is-sala tal-iskola mingħajr ħlas nhar it-18 ta' Diċembru, 2010, biex norganizzawh fih. Se ssir talba oħra sabiex il-kunsillieri jagħmlu **żjara lit-tfal tal-iskola** fl-istess ġranet qabel ma dawn joħorġu għall-vakanzi. Se ssir talba wkoll għall-isponsors biex inkopru parti mill-ispejjeż tal-*party* inkluż dawk tar-rigali.

16. Is-Sindku talab lis-SE sabiex il-**kont tal-*Bestprint*** tal-programm li kien stampat għall-okkażjoni tal-1 ta' Ottubru, 2010 fl-attivita' kulturali ikun mgħoddi lill-*Manager Bank of Valletta* li wiegħduna li se jagħtuna sponsor.

17. Il-KLM se jorganizza ir-***reception*** tal-għaqdiet nhar is-26 ta' Diċembru, 2010 fil-11.00am. Dan se jinżamm fl-Isptar il-Qadim u se jkunu mistiedna biss il-Presidenti u s-Segretarji ta' kull għaqda.

18. ***Reception*** ieħor propost mis-Sindku li fih se jingħata *token* żgħir lil dawk kollha li pparteċipaw fl-attivita' ta' nhar l-1 ta' Ottubru, 2010 mingħajr obbligazzjoni, se jkun qed jinżamm fl-Isptar il-Qadim nhar il-11 ta' Novembru, 2010. Il-kunsillieri qablu unanimament ma' din il-proposta.

19. Is-SE kien mistoqsi mis-Sindku jara jekk fadalx **kartolini tal-Milied** biex jintbgħatu lill-għaqdiet tar-raħal, biex jekk ma fadalx, inkunu fil-ħin u nipprintjaw oħrajn ġodda, kif approvat hekk f'din is-seduta. Is-Sindku qal illi lill-kunsilli lokali l-oħra, għandna nibgħatulhom *e-card*.

20. Il-Kunsill Lokali Mqabba għal darb'oħra se **jżejjen it-toroq fil-Milied** fiċ-ċentru. Din is-sena jmiss lis-Soċjeta' Sta Marija sabiex tagħmel dan it-tiżjin filwaqt illi hu ttamat illi jinxtara *rope lights* (kif ukoll kien approvat f'din is-seduta) sabiex isiru diżinji mill-ħaddiem tal-IPSL tal-Kunsill u jitwaħħlu mal-arbli.

21. Fuq suġġeriment ta' Grace Marie Mallia, din is-sena għall-ewwel darba l-KLM se **jorganizza kompetizzjoni tal-Christmas Logs.** Għaliha se ssir pubbliċita' u l-finali se tkun nhar is-17 ta' Diċembru, 2010 biex bil-prodotti li se nirċievu inqassmuhom fil-*party* tat-tfal l-għada s-Sibt, 18 ta' Diċembru, 2010. Dettalji dwar ġurija u kundizzjonijiet għandhom jingħataw aktar tard.

22. Il-KLM qabel mal-proposta tas-Sindku biex isir il-**Basic Art Course** ieħor u ieħor għal studenti li għandhom aktar prattika imsejjaħ Intermediate. Dan se jsir mill-għalliema Maria Tonna fl-Isptar il-Qadim fil-jiem li ġejjin.

23. Il-KLM approva l-***Payment Approval Sheet*** numru.

24. Il-**lista tal-korrispondenza** ma telgħetx mill-iskrivani tal-Kunsill bħas-soltu għaliex dawn ma sabux ċans jirreġistraw l-ebda korrispondenza minħaba l-affarijiet kollha abbinat ma' Jum l-Imqabba.

25. Is-sindku semma ittra li twasslet lilna minn *Transport Malta* fejn innutaw li Triq **Sant Marija hija magħluqa** temporanjament fil-ħinijiet tal-MUSEUM, mingħajr ma hemm l-ebda approvazzjoni. Is-SE qal li hu minn dejjem jiftakarha hemm in-*no-entry* u issa tlabna lill-TM sabiex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom filwaqt li l-Kunsill wera s-sodisfazzjon tiegħu għal preżenza tal-Gwardjan Lokali fl-inħawi għaliex il-vetturi li qed jidħlu f'din it-triq biex ġenituri jwasslu lill-uliedhom, qed jirrenduha perikoluża għall-istess tfal.

26. Se nwieġbu għal ittra dwar **għeluq ta' toroq fl-Imqabba** fil-festi lil Transport Malta li qed jistaqsu mid-dehra lill-Kunsilli Lokali kollha.

27. Saret referenza għal ittra oħra li rċevejna bħala tweġiba bir-referenza ta' 40/TM/10/6, datata fid-9 ta' September, 2010 minn *Transport Malta*. Is-sindku qal li t-tweġiba tagħhom għat-talba tagħna li **Triq San Bażilju ssir *one way*,** tagħmel rakkomandazzjonijiet kemm biex Triq il-Karmnu kif ukoll Triq Karmenu Ciantar jikkumplimentaw it-talba tagħna b'sistema ta' *one way*. Xi ħaġa li naħsbu li ma tagħmilx sens.

28. Għal darba oħra l-Kunsill iddiskuta d-diffikulta' kbira bir-**rimi ta' skart illegali** viċin il-*Bring-In-Site* fi Triq Ħal Kirkop. Hawn intqal illi mhux se jibqgħalna triq oħra ħlief li din titneħħa jekk kull jum qed tinkiser il-liġi u ħadd ma' jinqabad biex nagħtu eżempju bih.

29. Il-**laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali Mqabba** se ssir nhar id-9 ta' Novembru, 2010 filwaqt li din il-laqgħa ntemmet fl-10:00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 9/11/2010 minn Noel Galea
Segretarju Eżekuttiv Sindku